MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 485/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Marisa Camilleri**

**vs**

**Raphael Degiorgio**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raphael Degiorgio ta’ 40 sena, bin Emanuel u il-mejta Mary Lourdes nee’ Ciantar, imwieled Senglea fit-8 t’Ottubru 1966 u residenti 20 Triq San Filippu, Senglea u detentur tal-karta tal-identita’ numru 412466(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-23 ta’ Frar 2007 ghall-habta ta’ 5.30 p.m. waqt li kien fi Triq il-Kbira, Qormi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Joseph Fenech f’periklu car,

volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-istess persuna, liema ferita tista' ggib mankament jew sfregju jew debulizza permanenti jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem skond kif iccertifika Dr. Mark Camilleri M.D. ta' centru ta' sahha ta' Floriana.

2. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-istess Joseph Fenech.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li l-ammont huwa t'aktar minn Lm50 izda inqas minn Lm500 (fuq vettura tal-ghamla Suzuki Vitara ABL 287) ghad-detriment ta' l-istess Joseph Fenech.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-imsemmi Joseph Fenech u Rachael Degiorgio sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Joseph Fenech u Rachael Degiorgio qal kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

7. Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Fenech u Rachael Degiorgio u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Qorti kienet gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni u/jew ordni ta' trattament fil-konfront ta' Raphael Degiorgio u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412(c) u 412 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Gunju 2007 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-

proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident bi sfond familjari li nqala' fit-23 ta' Frar 2007 ghall-habta tal-5.30pm fi Triq il-Kbira, Hal-Qormi bejn l-imputat u martu Rachael Degiorgio u l-partner ta' din tal-ahhar, certu Joseph Fenech. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien tal-incident l-imputat u martu li ghandhom tlett itfal kienu legalment separati u mart l-imputat Rachael Degiorgio kellha relazzjoni ma' certu Joseph Fenech. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kwazi ghal kollox konfliggenti dwar dak li effettivament gara dakinhar tal-incident in dizamina. Rachael Degiorgio u Joseph Fenech li xehdu f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju 2008 it-tnejn isostnu li huma kienu qed jiprocedu bil-vettura ta' Fenech hergin minn side road ghal fuq il-main road. Fil-vettura maghhom kien hemm iben il-konjugi Degiorgio. Waqt li kienu qed jistennew sabiex johorgu ghal fuq il-main road ghadda l-imputat bil-vann tieghu u dan waqaf u mblukkalhom it-triq u mbaghad nizel mill-vettura tieghu b'pipe b'bicca hadida mat-tarf tieghu f'idejh u beda jaghti bil-pipe fuq il-vettura ta' Fenech. Fenech jghid li huwa nizel mill-vann tieghu sabiex iwaqqaf lill-imputat milli jkompli jaghti fuq il-vann tieghu u meta ghamel hekk l-imputat beda jaghtih bil-pipe u laqtu f'rasu bil-parti tal-pipe fejn kien hemm il-hadida. Fenech jghid li huwa prova jehodlu l-pipe min idejh u qal lil Rachael Degiorgio sabiex tmur l-Ghassa stante li l-istess Ghassa kienet vicin il-lok fejn ken qed isehh l-incident u huwa u l-imputat komplew jiggieldu sakemm imbaghad gew il-Pulizjia fuq il-post fejn l-imputat dahal fil-vann tieghu u prova jitlaq izda gie imwaqqaf mill-Pulizija. Rachael Degiorgio specifikat li l-

imputat beda' jhedded lilha u lil Fenech li kien ser joqtolhom u beda' jghajjarhom u jghid kliem indecenti. L-imputat min-naha l-ohra meta rrilaxxja l-istqarrija li tinsab esebita a fol. 19 sa 20 tal-process qal li huwa kien ghaddej bil-vann tieghu meta ra l-vettura tal-partner tal-ex mara tieghu u peress li deherlu li ra lil uliedu fl-imsemmi vann u peress li fil-kuntratt ta' separazzjoni kien hemm klawzola li tiprojibixxi lilu u lil martu milli jkunu fil-presenza tat-tfal mal-partners taghhom, huwa waqaf u hareg mill-vann tieghu sabiex jivverifika min kien hemm fil-vann u malli ghamel hekk Joseph Fenech nizel ghalih b'pipe f'idejh u beda jxejjer il-pipe fid-direzzjoni tieghu u huwa laqa' daqqiet b'idejh. Huwa qal li Rachael Degiorgio nizlet mill-vann u hadet il-pipe minn id Fenech u bdiet ixxejjer id-daqqiet lejn l-imputat. L-imputat qal li huwa beda jiddefendi lilu nnifsu u fajjar daqqa lil Fenech f'rasu. Huwa spjega li mbaghad gew il-Pulizija fuq il-post u malli Rachael Degiorgio rat lil Pulizija hija ramiet il-pipe mal-art u qadet quddiem il-vann tal-imputat sabiex huwa ma jsuqx. L-imputat sostna li huwa sofra xi griei f'ghajnejh f'idu l-leminija u qal li jahseb li ghandu wiehed mis-swaba tal-id ix-xellugija imfekkek. L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri u l-anqas ma produca provi in sostenn ta' dak li sostna fl-istqarrija minnu rilaxxjata.

Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat u li xhieda wahda jekk emnuta mill-Qorti tista' twassal ghas-sejbien ta' htija. Fil-kaz odjern il-Qorti li semghat lil Rachael Degiorgio u lil Joseph Fenech jixhdu viva voce quddiemha jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn dawn iz-zewg persuni. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat, salv ghat-tielet akkuza, jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat kien ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Fenech. In-natura tal-griehi giet debitament konfermata minn Dr. Mark Camilleri li xehed fl-udjenza tal-13 ta' Novembru 2008 fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku minnu rilaxxjat (esebit a fol. 18 tal-process) wara li huwa kien ezamina lill-imsemmi Joseph Fenech. Il-Qorti jidrilha li l-

imputazzjoni ta’ hsara volontarja ma tirrizultax pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li ma ngabitx la ricevuta u l-anqas stima jew altrimenti xi ritratti li jindikaw f’hiex kienet tikkonsisti din l-allegata hsara jew ghal kemm kienet tammonta l-istess hsara. Il-Qorti inoltre jidrilha li t-tieni akkuza hija asorbita fl-ewwel akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser duffrejgh mal-gustizzja u kkunsidrat ukoll li mix-xhieda tal-istess Joseph Fenech irrizulta li sena wara l-incident huwa ma kienx ghadu qed isofri konsegwenzi minhabba l-griehi li sofra u ghalhekk il-Qorti jidrilha li piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216, 339(1)(d), (e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ tnax (12) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ €500 ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Rachael Degiorgio jew lil Joseph Fenech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------